MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Numru 323/2004

**Jesmond Psaila**

**vs**

**Koperattiva tat-Tjur Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tas-socjeta’ konvenutra ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn u disgha mitt lira Maltin (LM 2,900) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz dovut minnha lill-attur ghal laham tal-flieles mibjugha lilha fl-perjodu ta’ l-2003, oltre dik is-somma fil-kompetenza ta’ din il-Qorti li tigi likwidata minn din il-Qorti u rapprezentanti danni sofferti mill-attur bhala rizultat tal-ksur da parti tas-socjeta’ konvenuta ta’ l-obbligi taghha naxxenti mill-ftehim ghall-qtil tal-flieles ghall-perjodu 2004;

Jigi ddikjarat illi l-ammont totali mitlub ma jissuperax il-kompetenza ta’ din il-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-26 ta' Mejju u bl-imghax mid-data ta' kull konsenja;

Is-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat illi s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talbiet attrici.

Rat illi l-attur ma ressaq l-ebda prova in sostenn tat-tieni talba tieghu. Il-ftehim imsemmi ma giex esebit u l-Qorti ma tista bl-ebda mod tillikwida l-allegati danni.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-2 ta' Gunju, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet fir-rigward tal-ewwel talba attrici tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa l-ewwel talba tal-attur u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' elfejn u disgha mitt lira Maltin (LM 2,900), bl-imghax legali millum sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba.

Il-Qorti tichad it-tieni talba tal-attur peress illi l-attur ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' din it-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------